**MALTA**

**TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR**

**ĠUDIKATUR**

**DR. ANNA MALLIA**

**Seduta tal-10 ta' Diċembru, 2019**

**Talba Numru: 112/2017 AM3**

**Numru fuq il-Lista: 27**

**GasanMamo Insurance Limited (C3143)**

**Imsida Road,**

**Gzira**

**hekk kif issurogata fid-drittijiet ta' Narcy Abdilla(K.I. 18572M)**

**ta' 11, A, Thiarana De,**

**Triq Indri Magrin,**

**Ghaxaq**

**Vs**

**Vince Micallef (K.I. 706060M)**

**Simblu Diesel Services,**

**New Street in Imdina Road,**

**Zebbug**

It-Tribunal

Ra l-Avviz tat-Talba prezentat mis-socjeta' attrici noe et fis-07 ta' Marzu 2017 li permezz tieghu l-istess socjeta' qed titlob li l-konvenut jigi ordnat ihallasha s-somma ta' elf mija u wiehed u ghoxrin ewro u tmien cenezmi (€1,121.08) rapprezentanti danni kagunati fil-vettura bin-numru ta' registrazzjoni ABP 067 asskurati tas-socjeta' attrici u proprjeta ta' Narcy Abdilla u dan minhabba traskuragni u negligenza da parti tal-istess intimat.

Ra r-risposta tal-konvenut a fol 26 li permezz taghha eccepixxa li l-preskrizzjoni a tenur tal-Artikolu 2153 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta; li l-attur Narcy Abdilla kien minn dejjem a konoxxenza li l-intimat ma huwa responabbli ghal ebda hsara li huwa jista jsofri; li l-atturi ghandhom igibu prova tal-fatti minnhom allegati; li t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt.

A fol 60 xehed l-attur Narcy Abdilla li huwa ha l-vettura tieghu li ghandha n-numru ta' registrazzjoni ABP 067 ghand il-konvenut biex isewwiha u meta waqa' huwa baqa' diehel fil-garaxx tieghu bil-karozza. Il-konvenut qallu li ahjar jerga johrog il-vettura barra t-triq; huwa qallu fejn jipparkjaha u hekk ghamel sakkarha u ghadda c-cavetta lill-konvenut. Wara tlett ijiem il-karozza kienet lesta u meta mar ghaliha l-vettura kienet fil-garaxx flimkien ma' vetturi ohra. Huwa nnota li fuq quddiem in-naha tad-driver l-vettura kellha daqqa fuq il-bumper u meta staqsa lill-konvenut huwa wiegbu l jista jkun li kienet hemm. Ix-xhud wiegbu li zgur li ma kienetx hemm u meta dar il-vettura innota li mill-genb ghal parti ta' wara u wara kien hemm daqqa ohra taht il-windscreen. Il-konvenut imbaghad qallu li huwa ma kienx responsabbli. Huwa kif ra hekk il-konvenut talbu tletin ewro (€30) tax-xoghol li skont ix-xhud hija somma minima hafna ghax-xogholijiet li kellu jaghmel. Huwa mbaghad fetah claim mal-insurance tieghu cioe' mas-socjeta' attrici u ghamel ukoll rapport l-ghassa tal-pulizija u ha l-vettura ghand mechanic iehor.

A fol 67 xehed PC 864 Duncan Cassar li pprezenta rapport li sar fl-ghassa tal-pulizija u kkonferma l-kontenut tar-rapport. Huwa spjega li ma jiftakarx jekk kienx ra l-hsarat fil-vettura in kwistjoni izda jekk l-attur mar l-ghassa bil-vettura huwa jkun raha zgur.

A fol 71 xehed Joseph Muscat, surveyor mas-socjeta' attrici li kkonferma li r-ritratti bil-hsarat fil-vettura hadhom hu u kkonferma s-survey report li ghamel huwa a fol 48 et.

A fol 75 xehed Malcolm Aquilina permezz ta' affidavit li huwa Claims Adjustor mas-socjeta' attrici u spjega li l-attur Abdilla kellu polza tat-tip 'comprehensive' fuq il-vettura in kwistjoni mal-istess socjeta'. Li l-attur hallas hamsa u hamsin (€55) bhala excess payment u li l-ispiza tax-xogholijiet ta ' tiswija u akkwist ta' parts jammontaw ghal disa' mija u tlett ewro u sittin centezmu (€903.60c). Huwa spjega li l-ammont li qed jitolbu huwa ta' elf disgha u sebghin ewro u disgha u sebghin centezmu (€1,079.59c) li jinkludi hamsa u hamsin ewro (€55) excess u mhux mija u wiehed u ghoxrin ewro u tmien centezmi (€121.08c) kif qed jigi mitlub f'din l-kawza. Meta fid-19 ta' Ottubru 2012 il-konvenut cempel il-Head Office tas-socejta' attrici huwa infurmawhom li ma kien jaf xejn dwar l-kaz imsemmi fl-ittra legali tal-05 ta' Ottubru 2012 li kien ircieva u li qatt ma kien gie infurmat dwar il-hsarat fuq il-vettura in kwistjoni.

A fol 106 s-socjeta' attrici ddikjarat li ma ghandhiex aktar provi.

A fol 113 il-konvenut Vince Micallef xehed li l-attur Narcy Abdilla kien gablu l-karozza ghat-tiswija u huwa hekk ghamel. Meta mar biex jigbor il-karozza sab li kellha daqqiet fuq quddiem u fuq wara izda huwa ma ra ebda daqqiet fuq il-vettura. Huwa jaqbel li Abdilla kien urih dawn id-daqqiet u li qallu li dawn ma kienux hemm meta huwa hadlu l-vettura. Huwa setgha jara li l-bumper kien fuq is-sealer biss mentri l-attur qallu li nqala' l-bumper. Huwa r-ritratti esebiti mill-attur ma rahomx u esebixxa r-ritratti tal-garaxx tieghu u fejn ikunu pparkjati l-vetturi. Id-daqqiet l-ohra huwa jghid li ma rahomx. Meta kienet ghandu l-vettura huwa harigha barra ghax ghandhom parking barra. Huwa jghid li thallas tletin ewro (€30) tas-servizz u l-attur forsi l-ghada ilmenta bil-bumper.

Ra a fol 105 n-nota ta' riduzzjoni fl-ammont ta' elf disgha u sebghin ewro u disgha u hamsin centezmu (€1,079.59c) prezentata mill-atturi.

A fol 122 il-konvenut iddikjara li ghalaq il-provi.

In kontro-ezami (fol 124) il-konvenut jghid li l-vettura damet ghandu jumejn u li meta gabha ghat-tiwsija l-attur halliha barra ghax ma kienx hemm post fil-garage. Huwa dahhal il-vettura fil-garage meta beda jahdem fuqha u dam jahdem fuqha xi nofs ta' nhar u meta kienet lesta huwa halliha fil-garage u l-attur meta mar ghaliha l-vettura fil-garage sabha. Huwa ma nnutax daqqiet fil-vettura ghax ma jharsux lejn daqqiet u huwa mal-magni kellu x'jaqsam. Huwa in kontro-ezami jichad li l-attur mar ghandu l-ghada anzi jghid li lanqas rah u lanqas jafu lir-ragel.

Semgha lil partijiet jitrattaw il-kaz.

Ikkunsidra

Li dan huwa kaz fejn l-attur Narcy Abdilla ha l-vettura ghat-tiswija ghand il-konvenut u li sakemm damet ghat-tiswija l-attur kkonstata xi hsarat fil-vettura liema hsarat huwa jghid li ma kienux hemm qabel. Il-konvenut jghid li hsara fil-bumper ra izda ma jistax jghid jekk dan sarx qabel ma l-vettura ingabet ghat-tiswija u li l-fatt li l-attur pparkja l-vettura barra l-konvenut mhux responsabbli.

Waqt it-trattazzjoni l-konvenut ssottometta li (a) ma saritx prova ta' surrogazzjoni (b) ma saritx prova ta' hlas; (c) ma saritx prova ta' hlas ta' excess; (d) il-polza tal-attur fol 85 ma tapplikax ghal kiri ta' vetturi.

L-atturi jikkontendu l-prova ta' surrogazzjoni tohrog mill-Artikolu 1167(2) tal-Kap 16.

Rigward dan it-Tribunal qed jiddeciedi kif gej:

Prova ta' surrogazzjoni - Dan it-Tribunal jaghmel referenza ghas-segwenti sentenza: **Fogg Insurance Agencies Limited noe vs Raymond Azzopardi**, **25/02/2004**.

F'dan il-kaz, dak li qed ifittex ghad-dikjarazzjoni ta' responsabilita' ghad-danni subiti mhux il-persuna li soffriet id-danni izda l-assikurazzjoni li rrisarciet hi d-danni subiti mill-assikurat skont il-polza t' assikurazzjoni u ghalhekk dahlet fiz-zarbun ta' drittijiet spettanti lill-assikurat kontra min allegatament ikkaguna d-danni lill-istess assikurat. Mill-atti ma rrizultax is-surroga kontrattwali billi l-assikurazzjoni attrici naqset li tipproduci tali dokument pero' qed tistrieh fuq is-surroga legali li taghti l-ligi fl-Artikolu 1166 tal-Kodici Civili. Tali surroga ggib lis-socjeta' assiguratrici b'titolu derivattiv id-drittijiet tal-assikurat taghha u dan jintitolaha tessubentra fl-istess pozizzjoni identika, sostanzjali u processwali tal-assikurat fil-konfront tal-terz awtur tal-fatt dannuz.

U l-istess fis-sentenza deciza mill-Qorti tal-Appell Sede Inf per Imh Sciberras fl-20 ta' Ottubru 2004 fil-kawza fl-ismijiet: **Fogg insurance Agencies Limited noe tet vs Briffa Priscilla.**

"*Huwa sew maghruf u ben konoxxut illi meta l-assigurazzjoni thallas lill-assigurat taghha taht il-polza din tigi surrogata fid-drittijiet ta' l-assigurat taghha, ad eccezzjoni ta' dak li hu "excess payment" li l-istess assigurat jikkontribwixxi u jeroga minn butu";*

Il-hlas hekk maghmul mill-assigurazzjoni jikkoncerna 'stricto jure' r-rapport ma' l-assgurat taghha emanenti mill-kuntratt ta' l-assigurazzjoni u l-polza. Lit-terz dan il-hlas jinteressah biss limitatament biex ikun jaf illi f'kaz li jigi kkundannat jirrizaricixxi d-danni

hu jkun mehlus mill-obbligazzjoni tieghu fil-kaz li l-hlas jaghmlu lill-assigurazzjoni minflok lill-assigurat li mieghu t-terz ikun obbligat, jew kontrattwalment jew 'ex delicto';

Meta dan hu hekk il-kaz m' hemmx ghalfejn l-prova 'sine qua non' tas-surroga ghax ghal dan tissuplimenta l-ligi fl-Artikolu 1166 (c) tal-Kodici Civili li tipprovdi li s-surroga ssir 'ipso jure' favur "*dak li kien obbligat ma' ohrajn jew ghal ohrajn ghall-hlas tad-dejnu kellu nteress ihallsu".*

Li ghalhekk dan it-Tribunal jaqbel mal-atturi u cioe' li tali surroga temani mill-Artikolu 1166 tal-Kodici Civili u qed tichad dan l-argument tal-konvenut.

Dwar prova ta' hlas, pagament tal-excess jirrizulta minn Dok MA4 a fol 102 u kkonfermat bil-gurament fl-affidavit ta' Malcom Aquilina Claims Adjuster mas-socjeta' attrici (fol 75 et), u ghalhekk ma jistax jinghad li tali prova ma saritx.

Dwar li l-kiri tal-vettura ma ghandux jaghmel tajjeb ghalihom il-konvenut u li skont l-istess konvenut dan ghaliex a fol 85 Section II tal-polza ma tapplikax ghal 'hiring of a car', jinghad li l-ammont ta' danni li qed tippretendi s-socjeta' attrici huwa ta' elf disgha u sebghin ewro u disgha u hamsin centezmu (€1,079.59c) cioe' hamsa u hamsin ewro (€55) excess, tmien mija u tmienja u erbghin ewro u sittin centezmu (€848.60c) hlas sabiex tissewwa l-vettura, mija tmienja u erbghin ewro u hamsin centezmu (€148.50c) kiri ta' vettura, u sebgha u ghoxrin ewro u disgha u erbghin centezmu (€27.49c) survey fee. Section II tal-polza (fol 90) li qed jaghmel referenza ghaliha l-konvenut ma tapplikax ghal kaz tal-konvenut stante li ma saritx prova li huwa kiser xi kondizzjoni ta' tali polza. Ghaldaqstant lanqas f'dan ir-rigward l-konvenut ma ghandu ragun.

Dwar il-provi jinghad li ghandna zewg verzjonijiet – dik tal-atturi li l-hsarat saru meta l-vetturi kienet taht il-kustodja tal-konvenut u dik tal-konvenut, li l-hsarat ma sarux meta

l-vettur kienet ghandu ghat-tiswija u anke kieku stess l-fatt li l-attur pparkja l-vettura barra huwa mhux responsabbli ghal dawn l-hsarat.

Dwar is-sekwenza ta' kif gara l-kaz: l-attur induna bil-hsarat fis-06 ta' Gunju meta mar lura ghal karozza; fis-07 ta' Gunju ghamel rapport l-ghassa, fil-11 ta' Gunju 2012 saret il-claim (fol. 78), fl-24 ta' Gunju 2012 ittiehdu r-ritratti tal-hsarat; Li l-vettura damet ghand il-konvenut mill-04 ta' Gunju 2012 sas-06 ta' Gunju 2012. Li r-rapport fl-ghassa tal-pulizija l-attur l-ewwel stqarr li l-vettura kien hadha hamest ijiem qabel u wara raga mar jikkoregi ruhu li stqarr li l-vettura hadha fl-04 ta' Gunju 2012 u mar ghaliha fis-06 ta' Gunju 2012. Ir-rapport sar fis-07 ta' Gunju 2012 u fir-rapport l-attur ma kienx nizzel l-hsarat li saritlu fil-vettura u kien biss meta huwa mar biex jigbor ir-rapport mill-ghassa tal-pulizija tal-belt li huwa nizzel li mal-lista ta 'hsarat kien hemm ghafsa fil-bumper ta' wara'. Jigi rilevat li l-lista tal-hsarat mhix imsemmija fir-rapport. Il-claim Abdilla fetahha fil-11 ta' Gunju 2012 (fol 78).

Huwa pacifikament ritenut li fil-kamp civili l-piz probatorju m'huwiex dak ta' provi lil' hinn mid-dubju ragonevoli, izda ladarba min kellu l-obbligu li jipprova dak li jallega ma jirnexxilux jaghmel dan, il-parti l-ohra m'ghandhiex tbati minn dan in-nuqqas u dan skont il-principju *actore non probante reus absolvitur*. Hawnhekk issir referenza ghas-sentenza ta' din il-Qorti tas-27 ta' Marzu, 2015 fl-ismijiet: **Salv Bezzina & Sons Limited vs Paul Borg**, li ccitat silta mis-sentenza datata 13 ta' Ottubru, 2008, fl-ismijiet: **S. Borg Barthet vs Carnik Contructions Limited (Appell Superjuri)** fejn gie osservat illi:

*"Kif sewwa rrilevat il-Qorti tal-Appell (Inferjuri) fis-sentenza tal-24 ta' Marzu 2004 fil-kawza "Xuereb Maria et vs Gauci Clement et": "Huwa pacifiku f'materja ta' konflitt ta' verzjonijiet illi l-Qorti kellha tkun gwidata minn zewg principji fl-evalwazzjoni tal-provi quddiemha: Li taghraf tislet minn dawn il-provi korroborazzjoni li tista' tikkonforta xi wahda miz- zewg verzjonijiet bhala li tkun aktar kredibbli u attendibbli minn ohra; u fin-nuqqas, li tigi applikata l-massima "actore non probante reus absolvitur".*

Fi kliem iehor il-Qorti ghandha tezamina jekk xi wahda miz-zewg verzjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibilita` u specjalment dawk tal-konsistenza u verosimiljanza, ghandhiex teskludi lill-ohra, anke fuq il-bilanc tal-probabilitajiet u tal-preponderanza tal-provi, ghax dawn, f'kawzi civili, huma generalment sufficjenti ghall-konvinciment tal-gudikant."

Illi mill-provi prodotti jirrizulta car li l-attur kien informa mal-ewwel lill-konvenut b'dawn il-hsarat li kien ikkonstata fil-vettura tieghu, u li kieku ma kienx hekk kieku l-konvenut ma kienx ser jiccargjah tletin ewro (€30) biss ghal xogholu. Inoltre kif xehed Malcolm Aquilina rapprezentant tas-socjeta' attrici, l-konvenut cahad mieghu li huwa jaf b'dawn il-hsarat u dan meta anke mir-rapport tal-pulizija jirrizulta li l-pulizija kienu kelmuh fuq dawn il-hsarat u li huwa dejjem cahad li huwa responsabbli ghal dawn il-hsarat. Mir-rapport tal-pulizija a fol 70 jirrizulta li l-konvenut qatt ma kkontesta li l-vettura kellha l-hsarat izda li huwa ma kienx responsabbli ghal dawn il-hsarat stante li skont hu galadraba din tithalla barra huwa ma hux responsabbli jekk din jigrilha xi hsara. Huwa jghid ukoll fid-difiza tieghu u mir-ritratti li huwa esebixxa fil-garage tieghu ghandu avviz li kulhadd jipparkja l-vettura tieghu b'riskju tieghu u ghalhekk huwa mhux responabbli ghal dawn il-hsarat.

Ghaldaqstant il-prova li l-vettura kellha hsarat saret, kif gie pruvat ukoll li tali hsarat saru meta l-vettura kienet ghand il-konvenut biex tissewwa.

Dwar ir-responsabilita' li ghandu mechanic jinghad li meta karozza tithalla ma' mechanic biex jahdem fuqha skont il-hila tieghu, dan iġib miegħu l-obbligu li, sakemm iddum taħt iż-żamma tiegħu, jrid jieħu ħsieb li ma titgħarraqx. Minbarra f'hekk, bis-saħħa tal-kuntratt tal-appalt li jkun ingħata, hu mistenni li, meta jtemm ix-xogħol tiegħu fuqha, jroddha lil sidha f'kundizzjoni aħjar. Dan it-Tribunal jaghmel referenza ghas-sentenza kif citata mis-socjeta' attrici, kawza numru 2543/99 per JRM fl-ismijiet: **Atlas Insurance Agency Limited vs Multi Repairs Limited** li kienet tirrigwarda vettura li waqt li kienet ghand it-tellar ghat-tiswija giet misruqa. Fiha l-Qorti dahlet fid-dettal dwar ir-

responsabilita' ta' min isewwi l-vetturi. Hija rriteniet meta wiehed li jsewwi l-vetturi jaccetta li jaghmel dan, dan ggib mieghu r-rabta tal-kustodjali hija *"qualificata come l'attivita` principale legata al contratto di deposito, riguardante la 'gestione giuridica'della cosa oggetto del contratto" (G alpa v V Mariconda Codice Civile Commentato (IIa Ediz 2009) Vol. IV, pag.2039;*

Illi ghandha ragun id-difensur tas-socjeta' attrici meta targumenti li l-elementi tal-kuntratt ta' appalt jghoddu ghal kuntratt ta' depozitu, stante li mit-tagħlim ġurisprudenzjali jingħad li *"benche` l'attivita` caratteristica dell'appaltatore sia quella di compiere l'opera commessagli, e di trasformare, non di restituire le cose a tal fine ricevute dal committente, tuttavia, poiche` tali cose rimangono affidate alla fiducia e alla custodia dell'appaltatore, questo rapporto di affidamento va regolato con le norme del deposito" (Cass 3.3.1965 nru 3292)*

Illi hija ħaġa ċerta li dak li huwa meħtieġ hu li biex jinħalaq il-kuntratt tad-depożitu hu li l-ħaġa tgħaddi f'idejn iddepożitarju. Dan l-element tat-traditio huwa rekwiżit sine qua non biex iġib fis-seħħ il-kuntratt tad-depożitu. Huwa passaġġ fiżiku meħtieġ li, madankollu, jnissel rabta fuq min jilqa' għandu l-ħaġa bla ma jsir sidha jew imqar ikollu l-pussess tagħha ghaliex ma jżommhiex għalih innifsu u lanqas jista' jinqeda minnha għalih innifsu. Minbarra dan, ingħad ukoll li *"affinche sussista affidamento in custodia, non e` necessaria la materiale apprensione del bene, ma e` sufficiente che esso sia posto nell'autonoma sfera di controllo dell'affidatario, che, per tale solo fatto, assume l'obbligo giuridico di provvedere alla custodia" (G. Alpa & V. Mariconda op cit pag 2040);*

Illi b'mod partikolari u b'rilevanza mhux żgħira għall-każ li l-Qorti għandha quddiemha, d-duttrina sabet ukoll li fejn ħaġa titħalla ma' xi ħadd biex dan isewwiha *"oggetto del contratto sono anche le obbligazioni della custodia e della riconsegna, proprie del contratto di deposito, con il conseguente dovere di diligenza del buon padre di famiglia. Sempre in tema di obblighi accessori ad una prestazione principale di riparazione, si e` detto che anche la consegna dell'autovettura per effettuarvi delle riparazioni, accompagnata dalla accettazione delle chiavi, pur avendo una funzione strumentale rispetto all'adempimento*

*della prestazione d'opera, fa sorgere nell'accipiente l'obbligo di custodire e restituire il veicolo. Un problema perplesso in giurisprudenza e` quello*

*relativo alla sopravvivenza o meno dell'obbligazione di custodire, una volta che sia adempiuta l'obbligazione principale. Cosi`, nel caso di deposito connesso ad un contratto di lavoro autonomo, la Corte suprema ha dichiarato che l'obbligo di custodia resta limitato al tempo necessario per l'esecuzione del lavoro con la consequenza che il depositante, una volta che gli sia stato comunicato che il lavoro stesso e` stato ultimato, deve riprendersi la cosa senza che possa configurarsi una responsabilita` per la perdita della cosa' ;(cass.23.1.1986 nru 430).*

Illi b'dan il-mod, filwaqt li sseħħ rabta bejn il-kuntratt "ewlieni" tipiku mal-kuntratt "derivat" tad-depożitu tal-ħaġa, u fejn l-elementi tal-ewwel jipprevalu fuq tat-tieni, b'daqshekk ma jfissirx li r-regoli u l-elementi tal-kuntratt tad-depożitu jinħonqu għal kollox. Minflok, jista' jingħad li sa fejn il-bażi tal-kwestjoni tar-responsabbilta' jkun l-allegat nuqqas tal-kontraent, ikun jistgħu jgħoddu kemm ir-regoli tal-kuntratt tad-depożitu u kif ukoll l-effetti ġenerali maħsuba fil-liġi għall-inadempiment kuntrattwali;

Illi, għalhekk, fil-qafas ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, jista' jingħad ukoll li s-sisien tal-azzjoni attriċi jistrieħu fuq il-ħtija marbuta man-nuqqas ta' twettiq ta' rabta kuntrattwali (l-inadempiment), u mhux fuq il-ħtija akwiljana mnissla mill kważi delitt.

F'dan il-każ, s-socjeta' attrici tibni l-pretensjonijiet tagħha fuq l-allegazzjoni li l-konvenut naqas li jhares kif imiss l-obbli tieghu ta' depozitarju-appaltatur u, minħabba li żżamma tinvolvi ħlas, tgħid li huwa naqas li jiehu hsieb il-karozza bhala kien jaghmel bil-kustodja ta' hwejgu u ghaldaqstant fic-cirkostanza partikolari irid iwiegeb ghal kull nuqqas (negligenza) tieghu zghir kemm hu zghir (culpa levissima) (ara Art 1900(2) Kap 16) .

Illi l-kwestjoni tal-grad ta' responsabilta' li jrid iħaddem iddepożitarju hija waħda li, bħala regola, tintrabat mal-għaqal li jrid juri missier tajjeb tal-familja fit-tmexxija ta' ħwejġu. Il-

liġi trid li dak li għandu titqiegħed ħaġa b'depożitu jieħu ħsiebha bħalma jieħu ħsieb ħwejġu stess. Iżda hu ma jweġibx għall-aċċidenti li jseħħu b'forza maġġuri, sakemm ma jkunx tnikker biex irodd lura l-ħaġa lil min ikun talabhielu lura (ara art 1901 Kap 16).

Id-dmir ewlieni u element kardinali tal-kuntratt tad-depożitu huwa li ddepożitarju għandu jrodd lura l-istess ħaġa mħollija f'idejh fil-qagħda li tkun fiż-żmien meta tintradd u kull tgħarriq li ġġarab bla ħtija tiegħu jbatiha d-depożitant (Art 1904 Kap 16). Ir-radd lura jrid isir jew lil min wettaq id-depożitu, jew lill-persuna li f'isimha jkun sar id-depożitu, jew lill-persuna maħtura biex tirċievi l-ħaġa (Art 1908 Kap 16).

Normalment, id-depożitant jeħtieġlu jipprova biss li, bit-telfien tal-ħaġa depożitata, ġarrab danni: sakemm ma jkunx intwera li kien traskurat fl-għażla tal-persuna tad-depożitarju bħala persuna li tkun magħrufa bħala waħda traskurata fiż-żamma ta' ħwejjiġha, f'liema każ iddepożitant jitqies responsabbli minn għażla bħal dik. Jiġifieri ma jqumx il-każ fortuwit u meta l-ħsara li tiġri titnissel mill-fatt pożittiv jew negattiv tal-bniedem (vid Kumm 29.6.1979 fl-ismijiet: **Nut Joseph Vella Galea vs Anglu Azzopardi et** (mhix pubblikata); f'din il-kawza l-ebda accenn dwar dan ma sar u ghalhekk l-attur ma jistax jinghad li ghandu parti mit-tort.

Illi kif ingħad bosta drabi, huwa prinċipju aċċettat li n-nuqqas ta' twettiq ta' obbligazzjoni kuntrattwali iġġib fis-seħħ l-effetti "sekondarji" tal-istess obbligazzjoni – jiġifieri l-effett li min jonqos li jwettaq dak li ntrabat għalih irid jagħmel tajjeb għad-danni li tkun ġarrbet il-parti li magħha kien intrabat.

Illi meta parti tkun intrabtet li twettaq xi ħaġa u ma tagħmilhiex jew ma ttemmhiex, il-parti l-oħra (jiġifieri, l-kreditur tal-obbligazzjoni) tista' tingħata s-setgħa li twettaqha hi bi spejjeż ta' min ikun naqasha (jiġifieri, d-debitur tal-obbligazzjoni). Kreditur ta' obligazzjoni li ħaddieħor ikun intrabat miegħu li jwettaq, u dan jonqos li jwettaqha,

għandu l-għażla li jew jinsisti mad-debitur tal-obbligazzjoni li jwettaq dak li ntrabat li jagħmel jew, f'każ li l-adempiment ma jkunx għadu jista' jsir aktar, li jitlob il-ħlas tad-danni mġarrba minħabba dak in-nuqqas.

Illi meta wieħed jintrabat li jwettaq obbligazzjoni huwa mistenni li jagħmel dan bl-għaqal ta' missier tajjeb tal- familja. Dan għaliex, ukoll fejn id-debitur ma jkunx mexa b'mala fidi, huwa jrid jagħmel tajjeb għal kull dannu li jġarrab il-kreditur tal-obbligazzjoni kemm dwar in-nuqqas ta' twettiq tar-rabta u kif ukoll dwar id-dewmien fl-eżekuzzjoni.

Biex jeħles minn dawn l-effetti, id-debitur irid juri li n-nuqqas ta' twettiq tal-obbligazzjoni jew id-dewmien fit-twettiq tagħha fiż-żmien miftiehem kienu l-kawża ta' ħaġa barranija li huwa ma kienx jaħti għaliha, bħal fil-każ ta' aċċident jew forza maġġuri. (Vide Art 1127, 1132(1), 1133 u 1134 Kap 16).

Illi fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, dan it-Tribunal jasal ghal fehma li l-konvenut naqas mill-obbligu tieghu bhala depozitarju u ghalhekk irid jaghmel tajjeb ghad-danni mgarba minn sid il-karozza li hallset ghalihom is-socjeta' attrici.

Ghaldaqstant dan it-Tribunal qed jilqa' t-talba tal-atturi u jordna lill-konvenut sabiex ihallas lill-atturi s-somma ta' elf disgha u sebghin ewro u disgha u hamsin centezmu (€1,079.59c) bl-imghaxijiet legali mid-29 ta' Lulju 2013 sal-gurnata tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tad-29 ta' Lulju 2013 a karigu tal-konvenut.

**Dr Anna Mallia**

**Gudikatur**